MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 677/2002

**C.D.B. Properties Limited**

**vs**

**New Horizons Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Novembru, 2002 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef disa' mija u erbgha u hamsin lira Maltija u sittin centezmu (Lm3954.60) rapprezentanti servizzi minnha ordnati gewwa Il-Palazzin Hotel, kif jirrizulta mill-anness rendikont immarkat Dokument "A", bl-imghax kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' kull *invoice* elenkata fl-istess Dokument "A" u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu, 2002.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi, preliminarjament, is-socjeta’ attrici trid tispecifika s-servizzi li taghhom qed titlob il-hlas.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, s-servizzi provduti mis-socjeta’ attrici gew provduti in parte b’mod hazin u mhux kif pattwit, kif ukoll is-socjeta’ attrici naqset li tipprovdi xi servizzi li kienu gew miftiehma u s-socjeta’ konvenuta kellha diversi *complaints* mill-agenti rispettivi dwar is-servizz provdut mis-socjeta’ attrici.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, t-talba attrici hija eccessiva u jridu l-konteggi relattivi sabiex tigi stabbilita’ s-somma li tista’ tkun realment dovuta lis-socjeta’ attrici  ghal servizzi prestati.

4. Illi, minhabba l-agir tas-socjeta’ attrici li ppruvat anke taqbez lis-socjeta’ konvenuta u tuzufruixxi illegalment mill-promozzjoni illi ghamlet l-istess socjeta’ konvenuta, l-eccipjenti sofriet danni u minn issa qed  tirriserva li tipprocedi kontra s-socjeta’ attrici ghall-istess danni kif ukoll ghad-danni li ser issofri minhabba t-telf ta’ xoghol rizultanti mis-servizz hazin provdut mis-socjeta’ attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal hlas ghal servizz ta’ akkomodazzjoni li s-socjeta’ attrici, li tiggestixxi l-Palazzin Hotel il-Qawra, tat lill-klijenti tas-socjeta’ konvenuta bejn it-28 ta’ Dicembru, 2001 u t-3 ta’ Jannar, 2002.

Vincent Micallef, il-*General Manager* tal-lukanda jghid illi wara li pprovda s-servizz u l-klijenti marru lura f’pajjizhom, ikkomunika ma’ Saviour Casha in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta u dana qallu illi kien qed jistenna flus mill-esteru qabel ma jhallas lis-socjeta’ attrici.  Vincent

Micallef ighid li huwa kkomunika ma’ barra fejn qalulu illi l-flus intbaghtu. Aktar tard sar jaf illi Casha beda jallega illi saru xi *complaints* mill-esteru, izda dawn il-*complaints* ma kienux fondati, peress illi saret investigazzjoni dwarhom u l-*general manager* ta’ qablu Spiteri rrisponda fid-dettall ghall-ilmenti skond kif jidher mill-ittra a fol 113 tal-process. Barra minn hekk Vincent Micallef jirrikonoxxi illi mill-ammont mitlub, iridu jitnaqsu *5% commission*.

L-istess qal Simon Borda wkoll ghan-nom tas-socjeta’ attrici fejn wara li cempel lis-socjeta’ konvenuta, gie mitlub jiehu pacenzja peress illi ma waslux flus minn barra. F’dak l-istadju ma kien hemm l-ebda ilment dwar l-akkomodazzjoni, izda l-iskuzi bdew gejjin aktar tard, jew minhabba *over drafts*, jew inkella minhabba problemi finanzjarji.

Saviour Casha ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta a fol 100 jelenka tlett ragunijiet il-ghala ma sarx il-hlas. Wahda, illi mill-pagament mitlub ma gietx imnaqqsa l-kummissjoni. It-tieni, illi tlett klijenti suppost kellhom ikunu b’xejn u t-tielet, zbalji zghar ta’ konteggi. Skond hu l-ammont dovut lis-socjeta’ attrici huwa ta’ tlett elef hames mija u tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm3530.56) [fol 104].

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ din ix-xhieda l-Qorti ssib illi d-differenza bejn iz-zewg partijiet hija verament zghira. Jekk tnaqqas hamsa fil-mija (5%) mill-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici, tasal ghal cifra ta’ tlett elef seba’ mija sitta u hamsin lira u seba’ u tmenin centezmu (Lm3756.87), differenza f’dak li qeghdin jippretendu l-partijiet ta’ mitejn lira (Lm200.00) biss. Hija haga ta’ l-iskantament kif zewg socjetajiet fil-qasam tal-kummerc illi jahdmu hafna flimkien ma setghux jaslu ghal ftehim fuq dawn il-mitejn lira (Lm200.00). Hu x’hinhu, ma hemmx dubbju illi s-socjeta’ attrici pprovdiet is-servizz li ghaliha qed titlob il-hlas. Id-dokumenti esebiti jiggustifikaw it-talba. Min naha l-ohra s-socjeta’ konvenuta kellha d-dritt titlob riduzzjoni ta’ hamsa fil-mija (5%) fuq l-ammont mitlub, persentagg miftiehem u akkordat fis-settur ta’ l-akkomodazzjoni b’mod generali.

Rigward il-klijenti li suppost kellhom ikunu b'xejn u l-izbalji fil-konteggi, s-socjeta' konvenuta mhijiex daqshekk cara fil-provi taghha. Ghamlet certa allegazzjonijiet u wriet fotokopji ta' dokumenti, izda dawn mhumiex l-ahjar prova, aktar u aktar meta kienu fil-posizzjoni li jtellghu lis-Sur Spiteri illi kien il-*Manager* fl-ghoti tas-servizz sabiex jixhed u jispjega sew x'arrangament kien hemm bejn iz-zewg socjetajiet. Ghalhekk il-Qorti filwaqt li jidhrilha illi t-talba attrici timmerita konferma, dina trid titnaqqas bil-hamsa fil-mija (5%) biex tirrifletti l-kummissjoni li kien patwit bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha l-ammont ta' tlett elef seba' mija sitta u hamsin lira Maltin u seba' u tmenin centezmu (Lm3756.87) rapprezentanti servizzi ordnati mis-socjeta' konvenuta gewwa *Il-Palazzin Hotel*, fil-perjodu tat-28 ta' Dicembru, 2001 sat-3 ta' Jannar, 2002.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------